**14 ta' Lulju, 1987**

**Imħallef: –**

**Onor. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S.**

Donald Darmanin *noe*

*versus*

Kontrollur tad-Dwana

**Dwana – Dazju – Nomenklatura *For the Classification of Goods Brussels 1955***

*Il-Qorti ta' l-Appell ikkonfermat sentenza ta' l-ewwel Qorti li ordnat rifużjoni ta' dazju.*

*L-interess tal-kawża huwa l-eżerċizzju tal-Qorti ta' interpretazzjoni tan-nomenklatura ta' klassifikazzjoni tad-dwana.*

Il-Qorti: –

Rat it-talba quddiem il-Qorti Ċivili tal-Maġistrati ta' Malta għall-kundanna tal-konvenut biex jirrifondi lill-attur *nomine* tnejn u sebgħin lira u ħamsa u erbgħin ċenteżmu (Lm72.45,0) minnu mħallsin lill-konvenut indebitament u taħt protesta fit-2 ta' Ottubru, 1985 skond '*Post Entry*' Nru. 41025 ta' l-istess data rigwardanti '*transparency box for exhibition only*' importata Malta Ex l-*M.V. Dirk stante* li ġiet ikklassifikata skorretement taħt it-tariffa Nru. 94.03 mentri fil-fatt kellha tiġi kklassifikata taħt it-tariffa Nru. 90.21 billi dina hija intiża biss għal skopijiet ta' esebizzjoni, bl-ispejjeż kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tas-7 ta' Frar, 1986;

Rat l-eċċezzjonijiet tal-konvenut;

1) Tan-nullità ta' l-azzjoni *stante* li ma kinux għaddew għaxart ijiem min-notifika kontra l-Gvern ta' l-att uffiċjali espliċitu rikjest qabel il-preżentata ta' l-avviż, li fih il-pretensjoni jew it-talba attriċi ġiet imfissra b'mod ċar *ai termini* ta' l-artikolu 460A tal-Proċedura Ċivili;

2) Li t-tariffa applikabbli fiċ-ċirkostanzi hija dik numru 94.03;

Rat il-verbal tat-23 ta' Settembru, 1986, li bih il-konvenut irtira l-eċċezzjoni tan-nullità ta' l-azzjoni;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili tal-Maġistrati ta'

Malta fit-28 ta' Jannar, 1987, li biha laqgħet it-talba bl-ispejjeż kontra l-konvenut wara li kkunsidrat illi:

1. Is-soċjetà attriċi importat f'Malta oġġett deskritt fid-dokumenti tad-dwana bħala *"Transparency box for exhibition purpose only"*. Biex tkun tista' tirtira dak l-oġġett, is-soċjetà ġiet imġiegħla tħallas bħala dazju l-ammont indikat fl-avviż Is-soċjetà ħallset l-istess ammont *"Under protest"* billi rritteniet li ma kellux jitħallas dazju fuq l-importazzjoni ta' l-oġġett;

2. Di fatti l-attur *nomine* għamel riferenza għall-Att ta' l-1964 dwar id-dazji ta' l-Importazzjoni (XI / 1964) u ssottometta li l-oġġett in kwistjoni jidħol fl-intestatura ta' l-oġġetti indikati fil-Kapitolu 90 partita 21 (90.21) ta' l-Att imsemmi. Fuq l-importazzjoni ta' dawk l-oġġetti, effettivament, l-Att ma jimponix ħlas ta' xejn;

3. Il-konvenut sostna li l-oġġett importat mill-attur jidħol fil-Kapitolu 94 partita 03 (94.03) ta' l-Att. F'dan il-każ għandu jitħallas fuq l-oġġett in kwistjoni d-dazju indikat fl-avviż;

4. L-oġġett importat mill-attur huwa dak li jidher fil-fotografija Dokument 1. L-attur iddeskrivih fix-xiehda tiegħu bħala *frame* intiż biex jesponi fotografiji. L-attur għalhekk jirritjeni li dan il-*frame* huwa kompriż fl-intestatura "Strumenti, apparti jew mudelli maħsuba biss għal skopijiet ta' dimostrazzjoni (per eżempju fl-edukazzjoni jew esebizzjoni) mhux tajbin għal użi oħrajn". Din l-intestatura hi mogħtija fil-Kap. 90.21 ta' l-Att in kwistjoni;

5. Il-konvenut jirritjeni li l-oġġett għandu jiġi kklassifikat bħala għamara ta' l-injam u għalhekk kompriż fl-intestatura

mogħtija fil-Kap. 94.03 ta' l-Att imsemmi;

6. L-artikolu 12(2)(a) ta' l-Att XI ta' l-1964 imsemmi jiddisponi li meta l-oġġetti jkunu *prima facie* klassifikabbli taħt żewġ intestaturi, kif evidentement huwa fil-każ preżenti, il-klassifikazzjoni għandha ssir billi l-intestatura li tagħti d-deskrizzjoni l-attur speċifika tiġi ppreferita għal intestatura li tagħti deskrizzjoni aktar ġenerali;

7. L-intestatura tal-Kap. 94.03 fuq imsemmi hi "għamara oħra u partijiet tagħhom ta' l-injam". Din kjarament tagħti deskrizzjoni wisq aktar ġenerali minn dik tal-Kap. 90.21 "...apparati...maħsuba biss għal skopijiet ta' dimostrazzjoni". Di fatti l-*frame* in kwistjoni rriżulta li hu proprju apparat għall-iskop imsemmi;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut Kontrollur tad-Dawna ppreżentata fit-2 ta' Frar, 1987;

Rat il-petizzjoni ta' l-appell ta' l-istess konvenut ippreżentata fis-6 ta' Frar, 1987 li biha għar-raġunijiet hemm esposti talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza fuq indikata tat-28 ta' Jannar, 1987 billi tirriġetta d-domandi attriċi kollha bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur *nomine;*

Rat ir-risposta ta' l-attur *nomine* ppreżentata fis-16 ta' Frar, 1987;

Rat l-atti l-oħra kollha rilevanti u opportuni;

Semgħet lid-difensuri;

Ikkunsidrat:

Fl-ewwel lok il-Qorti tirrileva – u ma' dan jaqblu l-kontendenti (ara verbali tas-16 u 23 ta' Ġunju, 1987) – illi l-liġi applikabbli f'dan il-każ hija l-Att XXV ta' l-1976 kif sussegwentement emendat, b'mod speċjali bl-Att I ta' l-1980, u mhux l-Att XI ta' l-1964 li għalih saret riferenza fl-ewwel istanza u li ġie rrevokat u ssostitwit bl-imsemmi Att XXV ta' l-1976. Fil-fatt però l-Kapitolu 94.03, invokat mill-konvenut appellant, baqa' l-istess inkwantu hu pretiż minnu li jirriferixxi għall-oġġett importat, u l-Kapitolu 90.21, invokat mill-attur *nomine,* ukoll baqa' l-istess u ma tbiddilx;

Ikkunsidrat:

Il-konvenut appellant qiegħed jissottometti li wieħed ma jistax jikklassifika l-oġġett importat bħala oġġett li jaqa' taħt l-intestatura 90.21 kif għamlet l-ewwel Qorti. Billi huwa *frame* ta' l-injam intiż biex jesponi fotografija ma jistax jiġi kklassifikat bħala strument, apparat jew mudell intiż biss għall-skopijiet ta' dimostrazzjoni. Dejjem skond il-konvenut appellant, ir-ritratti esebiti juru li l-iskop ta' l-oġġett huwa li jirreklama l-prodott lest lill-klijentela ta' l-attur *nomine*. Biex *"exhibit panels"* jistgħu jaqgħu taħt il-Kapitolu 90.21 jeħtieġ li jesponu mostri ta' materja prima jew juru l-varji studji fil-proċess jew manifattura ta' prodott *"for instruction in technical schools"*;

Il-Qorti, wara li eżaminat bir-reqqa l-provi, inklużi d-dokumenti esebiti, ma tarax li tista' taċċetta l-imsemmija sottomissjonijiet. Għalkemm l-*"Explanatory Notes"* relattivi għall-Kapitolu 90.21 (fol. 27), kif qiegħed jissottometti l-konvenut appellant, isemmu "*.....(4) Showcases and exhibit panels etc.*

*for displaying samples or raw materials (textile fabrics, fibres, woods, etc.) or for showing the various stages of manufacture or processing of a product (for instruction in technical schools)''* dan il-paragrafu 4 jinsab fost disa' paragrafi oħra li huma introdotti bil-kliem ''.....*the heading* **includes inter alia:**'', kliem dawn li, fil-fehma tal-Qorti, juru li dak li jsegwi (fosthom l-imsemmi paragrafu 4) m'huwiex qiegħed jeskludi li ħwejjeġ oħra ma jistgħux jaqgħu wkoll taħt l-istess ''*heading*'' jew Kapitolu. Kif ingħad fl-imsemmija *Explanatory Notes* għar-rigward tal-Kapitolu 90.21: ''*This heading covers a* **wide** *range of instruments, apparatus and models.....*''. Ma hemmx għalfejn jiżdied li skond il-paragrafu 1 ta' l-Ewwel Skeda ta' l-Att XXV ta' l-1976, ''In-Nomenklatura tat-Tariffa tad-Dwana hija bbażata fuq in-Nomenklatura *for the Classification of Goods 1955* (In-Nomenklatura tal-*Customs Co-operation Council 1955)* u għandha tiġi mfissra skond in-Noti ta' Tifsir *(''Explanatory Notes'')* li jinsabu man-Nomenklatura tal-*Customs Co-operation Council 1955*, ippubblikata mill-*Customs Co-operation Council, Brussels;*

Issa fil-każ preżenti, kif jirriżulta mix-xiehda ta' l-attur u mir-ritratt esebit, l-oġġett in kwistjoni jista' jiġi kkunsidrat li jaqa' taħt il-kelma ''*showcase*'' jew ''*exhibit panel*'' użati fil-paragrafu 4 fuq iċċitat. *Di più* huwa ovvju *ictu oculi* li l-oġġett huwa intiż ''*for displaying*'' u għalhekk, kif sewwa rriteniet l-ewwel Qorti, ma jistax jiġi eskluż li jaqa' wkoll taħt il-Kapitolu 90.21;

Ikkunsidrat:

L-ewwel Qorti ċċitat l-artikolu 12(2)(a) ta' l-Att XI ta' l-1964 li kien jiddisponi li meta l-oġġett ikun *prima facie* klassifikabbli taħt żewġ intestaturi jew aktar, l-intestatura li tagħti d-

deskrizzjoni l-aktar speċifika għandha tkun preferita għall-intestaturi li jagħtu deskrizzjoni aktar ġenerali;

Għalkemm, kif ġà ngħad, l-imsemmi Att XI ta' l-1964 kien ġie rrevokat u ssostitwit bl-Att XXV ta' l-1976, eppure l-imsemmi prinċipju ġie ritenut fl-artikolu 3(a) ta' l-Ewwel Skeda ta' l-Att XXV ta' l-1976 u għalhekk huwa applikabbli f'dan il-każ. Ċertament, kif irriteniet l-ewwel Qorti, l-intestatura tal-Kapitolu 90.21 tipprovdi l-aktar deskrizzjoni speċifika u għalhekk għandha, skond il-liġi, tiġi ppreferita għall-intestatura tal-Kapitolu 94.03 li jipprovdi deskrizzjoni aktar ġenerali;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jiġu ssopportati mill-konvenut appellant.